VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,998, 29 ta' Mejju, 2018
Taqsima B

A.L. 173 tal-2018

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.05.

Jemenda l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem taħt is-sinjal fil-partita (5) tal-paragrafu F tat-TAQSIMA I tagħha għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"PERSUNI ANZJANI JEW
B'DIŻABILITÀ JEW GĦOMJA
Tista' titwaħħal il-pjanċa "Persuni Anzjani",
"Għomja" jew "Persuni b'Diżabilità" ";

(b) fil-partita (20) tas-subparagrafu (m) tal-paragrafu G tat-TAQSIMA II tagħha, is-sinjal:

"



"

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandu jiġi sostitwit bis-sinjal:

"



"; u

(ċ) is-subparagrafu (d) tal-paragrafu B tat-TAQSIMA III tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Dan is-sinjal jagħti t-tagħrif li l-post huwa riżervat għall-ipparkjar ta' vetturi li għandhom il-*Blue Badge* murija kif provdut fl-Att biex jipprovdi dwar Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità, (Kap. 560).

(7)



POST GĦALL-*PARKING* RIŻERVAT GĦAL DAWK BISS LI GĦANDHOM IL-*BLUE BADGE*".